**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Jennifer Chetcuti**

Numru: 1191/2014

Illum 10 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata **Jennifer Chetcuti**, bint Alfred Barbara u Pauline neé Sciberras, imwielda tal-Pietà, nhar id-9 ta' Marzu 1968, residenti fil-fond numru 3, Block 16C, Flat 2, Triq il-Gendus, Bormla, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 133868(M)

akkuzata talli nhar it-2 ta' Dicembru 2014, gewwa Triq Gavino Gulia, Bormla, ghall-habta bejn in-nofsiegha u siegha neqsin kwart (12.30hrs – 12.45hrs) ta' wara nofsinhar:

1. attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioé PC 831 Jonathan Bordieri u WPC 210 Tania Mangion filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. ingurjat jew heddet, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku cioé PC 831 Jonathan Bordieri u WPC 210 Tania Mangion, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza' jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

4. kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied kif ukoll dagha u kliem fahxi;

5. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioé offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 831 Jonathan Bordieri u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1);

6. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioé offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' WPC 210 Tania Mangion u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1).

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' PC 831 Jonathan Bordieri u WPC 210 Tania Mangion jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Jennifer Chetcuti b'obbligazzjoni taghha nnifsiha taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Jennifer Chetcuti, a beneficcju ta' PC 831 Jonathan Bordieri u WPC 210 Tania Mangion u l-familja taghhom, u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 77) datata 16 ta' Gunju 2015 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-Artikoli 383, 384, 385, 386, 387, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol. 79 et seq.*).

Semghet, fis-seduti tat-12 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 98) u tat-8 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 99), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 106), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 77), f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2018, lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju (*a fol.* 109 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 108), lid-difiza tinforma lill-Qorti li ma kellhiex aktar xhieda xi tressaq, u dana ghajr id-depozizzjoni tal-imputata.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fis-27 ta' Lulju 2018 (*a fol.* 120).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fis-27 ta' Settembru 2018 (*a fol.* 121 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014, xehdet **WPC 210 Tania Mangion** (*a fol.* 18 *et seq.*) fejn qalet li fit-2 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-12.45pm kienet gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla fejn barra kien qed jinstema' hafna storbju u b'konsegwenza ta' liema hi u l-kollegi taghha hargu mill-Ghassa tal-Pulizija fejn rat lill-imputata targumenta ma' sid il-hanut "Bake & Take". Tghid li l-imputata bdiet taghmel hafna storbju u bdiet tghajjat. Tixhed li lill-imputata qaltilha biex tmur maghha l-Ghassa tal-Pulizija fejn l-imputata: *"bdiet tirribella u tkellimni hazin u anke ppruvat thebb ghalija sa ghamlitli xi griehi fuq idejja grif"* (*a fol.* 18). Tghid li l-imputata bdiet anke tghajjarha u theddidha. Tixhed li l-imputata bdiet tghidilha: *"mahmuga, kerha u hafna kliem hazin, lizbjana, nsibek"* (*a fol.* 19). Tispjega li l-imputata ntefghet mal-art fl-entratura tal-hanut u *"bdiet timbuttali saqajja, taghtini bis-sieq biex twaqqani. Imbaghad wara hafna battibekki hadniha l-Ghassa, kompliet tghajjarni l-istess kliem li ghidtlek qabel, imbaghad minn hemmhekk mort il-clinic biex naghmel certifikati jiena"* (*a fol.* 19). Ikkonfermat li gie rilaxxat certifikat li jinsab *a fol.* 8 tal-atti processwali.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-imputata bdiet tagixxi maghha b'mod aggressiv. Tghid li flimkien maghha kien hemm zgur PC 526 u s-Surgent. Tghid li hargu flimkien mill-Ghassa tal-Pulizija. Tghid li l-imputata laqtet ukoll lil PC 831 fuq saqajh peress li l-imputata kienet mal-art u bdiet taghtihom bis-sieq u lilha (lil WPC 210) bdiet timblukkalha saqajha.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Josric Mifsud** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn ipprezenta bhala Dok. "JM" (*a fol.* 52) kopja ta' *footage* li gie elevat mill-hanut li hemm adjacenti mal-hanut "Bake & Take".

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014, xehed ukoll **PC 831 Jonathan Bordieri** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn spjega li fit-2 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-12.45pm waqt li kien fl-ufficcju tal-iSpettur fl-Ghassa tal-Pulizija, instema' ghajjat gej minn Misrah Gavino Gulia u hekk kif ittawwal mit-tieqa nnota li kien hemm l-imputata qeghda tghajjat u targumenta bil-kliem ma' zewgt irgiel. Jghid li ra lill-kollegi tieghu hergin *"u hi tigi mehuda gewwa l-Ghassa fejn fil-pront rajtha mal-art l-persuna"* (*a fol.* 24). Jghid li l-kollegi tieghu ma setghux jihhendiljaw lill-imputata peress li kienet mal-art u bdiet ixxejjer bis-sieq u kif ukoll bl-idejn u ma setghux iqajmuha. Jghid li nizel hdejn il-hanut "Bake & Take" u minkejja li qal lill-imputata biex tmur maghhom, l-imputata rrifjutat. Jixhed: *"ghidtilha darbtejn, ghidtilha biex tqum hi minn jeddha minghajr ma missha jien. X'hin mat-tieni darba ghidtilha, nfurmajtha biex tqum u tigi, irrifjutat, jien ghidtilha li ha nigborha, qbadtha minn taht idejha, bdiet ixxejjer bis-sieq u kif ukoll bl-idejn, b'id wahda fil-konfront tieghi u tal-kollega tieghi li xehdet aktar kmieni qabli u hekk kif ihhandiljajtha f'idejja mal-kollega tieghi, hadniha gewwa l-Ghassa ta' Bormla, zewg passi l-boghod minn hdejn il-hanut tal-Bake & Take"* (*a fol.* 25). Jghid li hekk kif dahlu l-Ghassa, l-imputata bdiet tghid kliem dispregattiv u meta gie mistoqsi jghid x'qalet, jghid li lilu offenditu imma dak il-hin ma tax kaz pero' jghid li lill-kollega tieghu bdiet tinsulentaha bil-kliem: *"lizbjana, kerha, insibek, mahmuga"* (*a fol.* 25). Jghid li kif poggewha bil-qieghda fl-Ghassa, bdiet tirreagixxi aktar u jixhed: *"tirreagixxi, tghajjat maghna, toffendina, ma bdietx tikkalkulana"* (*a fol.* 25). Jghid li hu rcievha diversi daqqiet f'saqajh ix-xellugija u b'hekk mar il-klinika ta'

Bormla. Ikkonferma li gie rilaxxat dokument mmarkat bhala Dok. "C" (*a fol.* 9).

In kontro-ezami jghid li fl-Ghassa tal-Pulizija kienu bejn, wiehed u iehor, hames jew sitt ufficjali. Jghid li l-ewwel ma hargu mill-Ghassa tal-Pulizija kienu WPC 210 flimkien ma' PC 526 u PS 1137. Jghid li hekk kif hareg rasu minn got-tieqa, ra lill-imputata bil-wieqfa targumenta maz-zewg Pulizija rgiel u meta l-Pulizija marret sabiex tehodha l-Ghassa, l-imputata qabdet u ntelqet mal-art minn jeddha. Jichad li l-Pulizija messew lill-imputata meta spiccat mal-art.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014, xehed ukoll **PC 526 Sergio Spiteri** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjega li fit-2 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-12.45pm, kienu jinsabu fl-Ghassa tal-Pulizija u nstema' xi ghajjat gej mill-inhawi tal-Ghassa u hekk kif hargu seta' jara lill-imputata. Jghid li l-imputata bdiet targumenta bil-kliem ma' certu John Cassar li jahdem f'hanut vicin. Jghid li hekk kif waslu hdejn l-imputata, ippruvaw jifirdu l-partijiet u ppruvaw jaraw ezatt x'kien l-argument pero' f'hin minnhom l-imputata ntefghet mal-art fejn f'hinijiet minnhom ippruvat thebb ghal WPC 210. Jghid li ppruvaw jehduha l-Ghassa tal-Pulizija f'liema hin mar certu Ryan Agius, li jigi l-gharus tat-tifla tal-imputata, u pprova jwaqqfu milli jaghmel xoghlu.

In kontro-ezami jghid li hu hareg mill-Ghassa flimkien ma' WPC 210. Jghid li ra lill-imputata tolqot lil WPC 210. Jixhed: *"kienet mal-art is-sinjura, kif WPC 210 ippruvat taghtiha idejha biex tqajjimha minn mal-art, hi qabdet saqajha, ghalqithom flimkien u fin-nofs kien hemm sieq WPC 210 u bdiet ixxejjer b'idejha, ppruvat twaqqaghha"* (*a fol.* 31). Jghid li laqtitha f'saqajha.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015, xehed **Dr. Martin Bajada**[1] (*a fol.* 46 *et seq.*) fejn ikkonferma r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (*a fol.* 36 *et seq.*). Jispjega li gie nominat biex jaghmel kopja digitali ta' Dok. "JM" (*a fol.* 52).

---

[1] Ix-xhud kien diga' xehed fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 35), pero' id-depozizzjoni moghtija minnu fl-imsemmija seduta ma setghetx tigi traskritta.

**Dr. Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 49) fejn spjega li gie ordnat biex jikkonverti s-CCTV *footages* (Dok. "JM" – *a fol.* 52) u b'hekk ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 51 *et seq.*). Jghid: *"nirritorna s-CD li fuqha gejt moghti s-CCTVs u kif rat il-Qorti urejt is-CCTV seduta stante"* (*a fol.* 49).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, xehdet ukoll **Dr. Rose Marie Spiteri**[2] (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn wara li rat Dok. "B" (*a fol.* 8) u Dok. "C" (*a fol.* 9) qalet li fit-2 ta' Dicembru 2014 ezaminat lil Tania Mangion u lil Jonathan Bordieri. Tixhed li Tania Mangion *"kellha diversi grif u hmura fuq dirghajha t-tnejn l-aktar f'tax-xellug li jestendu minn fuq sal-polz"* (*a fol.* 56). Tghid li dawn kienu kompatibbli ma' griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Fir-rigward ta' Jonathan Bordieri tghid li kellu tbengila fuq in-naha ta' gewwa tal-ghaksa tax-xellug fejn l-imsemmi Bordieri beda jilmenta minn ugiegh fiha u li allegatament kienet ikkawzata minn daqqiet ta' sieq. Tghid li l-griehi sofferti minn Bordieri gew deskritti bhala griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **PS 1137 Kevin Vella**[3] (*a fol.* 58 *et seq.*) fejn spjega fit-2 ta' Dicembru 2014 ghal xi 12.40pm kien fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla fejn instema' storbju gej minn Pjazza Gavino Gulia hdejn il-"Bake & Take", u hekk kif hargu, ra li kien hemm argument verbali b'certu aggressivita' bejn l-imputata u John Cassar li jahdem il-"Bake & Take". Jghid li hekk kif waslu bdew izommu lill-imputata u x'hin bdew jippruvaw jikkalmawha, ma bdew jipperswaduha b'xejn tant li kellhom idahhluha b'arrest gewwa l-Ghassa tal-Pulizija. Jghid: *"Gewwa l-Ghassa wkoll kellna nimmanettjawha ghax spiccat ma' bdiet tisma b'xejn u dak il-hin bdiet tinsulenta"* (*a fol.* 58). Jghid li sakemm qed jarrestawha, l-imputata intefghet mal-art u bdiet ixxejjer bis-sieq tant li wegghet lil WPC 210 u lil PC 831. Jghid li x'hin kienu l-Ghassa, l-imputata bdiet tghajjar lil WPC 210 bil-kliem, fejn jghid li

---

[2] Ix-xhud kienet diga' xehdet fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 35), pero' id-depozizzjoni moghtija minnha fl-imsemmija seduta ma setghetx tigi traskritta.

[3] Ix-xhud kien diga' xehed fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 35), pero' id-depozizzjoni moghtija minnu fl-imsemmija seduta ma setghetx tigi traskritta.

bdiet tghidilha: *"kerha, mahmuga, lizbjana, nsibek"* (*a fol.* 59). Jghid x'qallu John Cassar meta kellmu. Jghid li meta staqsa lill-imputata jekk kienitx hadet xi sustanzi jew xi xorb, l-imputata wegbitu li kienet hadet zewg tazzi nbid kmieni filghodu. Ikkonferma li hejja r-rapport li jinsab immarkat bhala Dok. "KV" (*a fol.* 39 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li minn x'hin waslu fuq il-lok fejn kien qed isehh l-argument, l-imputata nstemghet tghid: *"jghid lil kunjata"* (*a fol.* 59). Jixhed li meta staqsa lil John Cassar fuq xiex kien inqala' l-argument, dan qallu li l-imputata dahlet tixtri, kienet qed tkellem lil Ryan u hu (Cassar) lil Ryan qallu biex imur jaghti kaz il-pastizzi fil-forn u mbaghad jaqdi lill-kunjata.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, xehdet ukoll **WPC 123 Janet Cicala** (*a fol.* 61 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut ghall-habta tan-12.30pm-12.45pm instema' xi ghajjat gej minn barra u b'hekk harget ma' kollegi taghha. Tixhed: *"Bdiet tghajjat u bdejna nippruvaw nikkalmawha u ma bdietx tikkalma. Din imbaghad f'daqqa wahda tant ma riditx tikkalma li nstabtet ma' l-art, hi minn jeddha nstabtet ma' l-art u bdejna nibzghu li ha twegga'. Jiena ppruvajt nerfaghha imma kienet tqila wisq ghalija, allura gie ragel ghax konna l-ewwel jiena u WPC 210, imbaghad gie PC 831 u gew xi rgiel ohra u bdejna nippruvaw nolzawha minn ma' l-art ghaliex hi bdiet tinstabat hafna ma' l-art u bdejna nibzghu li ha twegga' rasha, ghax rasha bdiet taghtiha ma' l-art kemm tiflah dak il-hin. Imbaghad minn hawn u minn hemm erfajniha u hadniha l-Ghassa u bil-kalma kollha mbaghad lili u s-Surgent bdiet tkellimna jigifieri"* (*a fol.* 62). Tghid li waqt li kienu qeghdin jippruvaw jghinu lill-imputata, lil WPC 210 l-imputata bdiet ixxejrielha bis-sieq u bdiet toffendieha. Tghid li l-imputata bdiet tghajjar lil WPC 210 u bdiet tghidilha li kienet kerha u li kienet lizbjana.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsija tghid f'liema hin waslet hi, tghid li hi kienet hemm mill-bidu nett. Tghid li hekk kif semghet l-ghajjat, harget mal-ewwel mill-Ghassa. Tghid li peress li l-ghajjat kien ta' mara, harget flimkien ma' WPC 210 Tania u wara marru l-ohrajn.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **John Cassar** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn qal li l-imputata dahlet fil-hanut fejn jahdem hu biex tixtri u bdiet titkellem mieghu. Jghid li lill-imputata jafha ghax l-gharus tat-tifla taghha huwa kollega tieghu fil-hanut. Jghid li l-gharus tat-tifla taghha kien tkecca mill-imghallem u rega' beda jahdem maghhom. Jghid li l-imputata hasbet li kien keccieh hu (Cassar) u b'hekk bdiet tgerger mieghu u tirrabja. Jghid li l-imputata bdiet tghidlu li hu (Cassar) ma kienx ghamel sewwa, sabtet il-*handbag* ma' l-art u hu hareg minn wara l-bank u lill-imghallem tieghu qallu li kien sejjer lejn id-dar u x'hin hareg il-barra, marru l-Pulizija u dahlu ghall-imputata. Jixhed: *"qabduha lilha u harguha minn gol-hanut, ghamlu s-salt maghha biex haduha lejn l-Ghassa"* (*a fol.* 65). Jghid li l-imputata bdiet tirrabja mal-Pulizija. Jixhed: *"Ghax hi bdiet tirrabja mieghi wkoll fl-istess hin ghax jien imbaghad bqajt barra fhimt u l-imghallem kaxkarni l-hemm u kien hemm hija wkoll u wiehed mill-imghallmin ukoll qalli: "Imxi l-hemmhekk""* (*a fol.* 66).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **Ryan Agius** (*a fol.* 67 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien gewwa qed isajjar gol-"Bake & Take", dahlet il-kunjata u qaltlu biex jaghmlilha *burger* bic-*chips* u l-imghallem tieghu John qallu biex jiccekkja l-pastizzi u qallu: *"hallik mill-kunjata"* (*a fol.* 68), imbaghad illetikaw naqra. Jixhed: *"Iva peress li qalli "hallik mill-kunjata". Imbaghad marru barra u jien komplejt insajjar u fi x'hin rajt grupp ta' Pulizija, jigbduha u jien kull ma ghamilt hrigt u waqqaft lil wiehed, kellimtu ghidtlu: "Hallieha tmissuhiex", ghax kien hemm hafna Pulizija jigbduha"* (*a fol.* 68).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017, xehdet **Dr. Rachel Taylor-East** (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn spjegat li hija Psikjatra u tahdem ma' Dr. Anton Grech. Tghid li l-imputata hija pazjenta ta' Dr. Anton Grech. Tispjega li fis-sena 2016 l-imputata dahlet erba' darbiet l-iSptar. Tghid li hi l-ahhar li ratha kien f'Ottubru 2016. Tghid li dak iz-zmien meta ddahhlet erba' darbiet l-iSptar, l-imputata dahlet minhabba dipendenza fuq il-kokajina u meta tuzaha tigi disturbata. Tghid li malli tidhol l-iSptar u twaqqaf l-uzu tal-kokajina, l-imputata tigi normali tant li l-*admissions* taghha kienu qosra hafna. Tixhed li l-ahjar haga li ssir hija li l-imputata tigi *assessed* biex jaraw

x'inhu l-uzu tad-drogi u jekk hemm bzonn l-imputata tiehu assistenza minhabba l-problema tad-droga. Tghid li l-imputata ma kienitx pazjenta taghha fis-sena 2014 u li l-ewwel darba li ratha kien fi Frar 2016.

| | |
|---|---|
| Prosekuzzjoni: | *"Inti rajtha fl-2016 pero' hi Jennifer Chetcuti kellha xi storja tad-droga, milli kont tghallimt int jigifieri minn dik li qaltlek?"* |
| Xhud: | *"Ma niftakarx bl-amment kemm kienet ilha, imma meta dahlet l-iSptar ma kienitx l-ewwel darba li kienet qed tuzaha fis-sens li uzat fil-passat ukoll. Hi ddahhlet l-iSptar minhabba l-behaviour taghha wara li uzat mhux minhabba d-droga biss"* (*a fol.* 103). |

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2018, xehdet l-imputata **Jennifer Chetcuti** (*a fol.* 109 *et seq.*) fejn qalet li dakinhar tal-akkadut kienet argumentat ma' John tal-"Bake & Take", liema hanut kien jinsab hdejn l-Ghassa. Tghid li ordnat hobza bil-bajd u bil-*bacon* u lil dak li kien ser jaqdiha, cioé lil *boyfriend* ta' bintha, John qallu kliem fis-sens li *"l-ewwel ix-xoghol, imbaghad il-kunjata"* (*a fol.* 109). Tghid: *"Imbaghad irribellajt hux ghax ma kienitx kelma. Rajtha barra minn lokha"* (*a fol.* 109). Tikkonferma li nholoq argument u kien hemm l-ghajjat. Tixhed li marru l-Pulizija u tghid li, sa fejn taf hi, l-ewwel marru zewg Pulizija rgiel, imbaghad marret mara li bdiet tghajjat ma' wiccha. Tghid li, sa fejn taf hi, l-irgiel bdew jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Tixhed: *"sakemm qed nargumenta bqajt nargumenta ma' John, [WPC 210] giet tghajjat ma' wicci u dak il-hin ovvjament la fhimtha u lanqas kienet ser tfehmni bl-ghajjat"* (*a fol.* 110). Tikkonferma li ppruvaw jarrestawha. Tghid li l-Ghassa tal-Pulizija marret wahidha.

| | |
|---|---|
| Difiza: | *"Issa jista' jkun li inti waqt li kont qed ixxejjer idejk, ilqatt xi Pulizija?".* |
| Xhud: | *"Jien fil-film il-ftit li rajt minnu, fl-ebda hin ma gejt nidher li lqattha"* (*a fol.* 110). |

Mistoqsija tghid jekk dakinhar tal-akkadut kelliex xi *drink*, twiegeb fl-affermattiv. Tghid li dak iz-zmien kienet ghaddejja minn hafna problemi. Tghid li kienet qed tissepara u kellha hafna theddid. Ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JC 1" (*a fol.* 115 *et seq.*) minn liema jirrizulta li fid-9 ta' Lulju 2014 kienu nbdew proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha. Bhala Dok. "JC 2" (*a fol.* 119) ezebiet dokument li juri li fis-sena 2016 kienet rikoverata l-iSptar Monte Carmeli. Mistoqsija tghid meta marret l-ewwel darba l-iSptar Monte Carmeli, tghid li ma tafx.

Difiza: *"Pero' fit-2014 meta inti bdejt is-separazzjoni, inti kif kont thossok?".*
Xhud: *"Jien min naha tieghi kont qed nillibera mill-problemi, pero' l-problemi tkabbru".*
Difiza: *"Pero' sat-2016 jidher li ma solvejthomx ghax dhalt Mount Carmel Hospital".*
Xhud: *"Le, le"* (*a fol.* 112).

Tghid li minkejja kellha *drink*, ma kienitx fis-sakra.

Difiza: *"Jekk inti l-Pulizija xehdu hawnhekk, Pulizija minnhom WPC xehdet illi int griftha fuq idejha u PC 831 qal"*
Xhud: *"Mhux griftha fuq idejha lqatta qalet mhux"*
Difiza: *"Pero' qalet sofriet girfa fuq idejha"*
Xhud: *"Ehe"*
Difiza: *"U PC 831 qal li bdiet ixxejjer bis-sieq u rcevejt qal diversi daqqiet f'saqajja x-xellugija"*
Xhud: *"Dawk ma rajthomx lanqas li lqattu jien"*
Difiza: *"U qal ukoll inqabdet u ntelqet mal-art"*
Xhud: *"Ehe veru"* (*a fol.* 112).

[…]

Difiza: *"Jekk inti lqatt lill-Pulizija ghalkemm ma tistax tghid ghax fid-daghdiha ma kontx taf x'qed taghmel, illum jiddispjacik ta' dak li ghamilt?"*
Xhud: *"Ovvjament ghalija nnifsi wkoll"* (*a fol.* 113).

In kontro-ezami tikkonferma li ntelqet fl-art. Ma tafx ghal liema raguni ntelqet mal-art. Tghid li kienet taf li min kien mar ikellimha kienu Pulizija. Tikkonferma li tawha struzzjonijiet biex tmur maghhom.

| | |
|---|---|
| Prosekuzzjoni: | *"U ma obdejthomx".* |
| Xhud: | *"Le sa fejn naf jien mort wahdi l-Ghassa".* |
| Prosekuzzjoni: | *"Tant mort wahdek li spiccajt fl-art mimduda fl-arti taghti bis-sieq".* |
| Xhud: | *"Ehe"* (*a fol.* 113). |

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li dakinhar tat-2 ta' Dicembru 2014 l-imputata marret tixtri mill-hanut "Bake & Take" li jinsab vicin fejn hemm l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla, f'liema hanut jahdem l-gharus tat-tifla taghha li kien ghamel zmien mkecci milli jahdem fil-hanut imsemmi. Jirrizulta li nholoq argument verbali bejn l-imputata u John Cassar li jahdem fil-hanut imsemmi b'konsegwenza ta' liema marru diversi Pulizija fuq il-post u li eventwalment ittiehdu l-passi kriminali odjerni fil-konfront tal-imputata fejn l-imputata giet akkuzat b'diversi imputazzjonijiet. Da parte taghha, l-imputata ma tikkontestax li kienet qed targumenta ma' John Cassar, pero' tghid li WPC 210 Tania Mangion marret tghajjat ma' wiccha. Tikkonferma li ntelqet fl-art u tikkonferma wkoll li l-Pulizija tawha struzzjonijiet biex tmur maghhom. Tixhed li sa fejn taf hi marret wahidha l-Ghassa tal-Pulizija.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputata tigi ddikjarata hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi

xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Artikoli 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):**

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza

msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che*

*risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tliet elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".* Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".* Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: *"Therefore, any violence committed after the law or the order has*

*already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "Dana l-Artikolu (b'riferenza ghall-Artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi riferenza sejra ssir issa ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata. Jirrizulta b'mod car is-segwenti:

- WPC 210 Tania Mangion xehdet li meta qalet lill-imputata biex tmur maghha l-Ghassa tal-Pulizija, l-imputata: *"bdiet tirribella u tkellimni hazin u anke ppruvat thebb ghalija sa ghamlitli xi griehi fuq idejja grif"* (*a fol.* 18). Tixhed li l-imputata bdiet tagixxi maghha b'mod aggressiv, li bdiet tghajjarha u theddiha u li qaltilha: *"mahmuga, kerha u hafna kliem hazin, lizbjana, nsibek"* (*a fol.* 19). Tghid li meta l-imputata ntefghet mal-art fl-entratura tal-hanut, l-imputata bdiet timbuttalha saqajha u taghtiha bis-sieq biex twaqqaghha. Ikkonfermat li gie rilaxxat ic-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "B" (*a fol.* 8).

- PC 831 Jonathan Bordieri jispjega kif il-kollegi tieghu ma setghux jihhendiljaw lill-imputata peress li kienet mal-art u li hi bdiet ixxejjer bis-sieq u kif ukoll bl-idejn u ma setghux iqajmuha. Jghid li nizel hdejn il-hanut "Bake & Take" u minkejja li qal lill-

imputata biex tmur maghhom, l-imputata rrifjutat. Jixhed li kif l-imputata rrifjutat li tqum minn jeddha minn mal-art, meta mar biex jaqbadha minn taht idejha, l-imputata bdiet ixxejjer bis-sieq u kif ukoll bl-idejn (kemm fil-konfront tieghu u kif ukoll fil-konfont ta' WPC 210 Tania Mangion) bil-konsegwenza li qala' diversi daqqiet f'saqajh ix-xellugija. Jixhed li lil WPC 210 Tania Mangion, l-imputata qaltilha: *"lizbjana, kerha, insibek, mahmuga"* (*a fol.* 25) u li meta kienu fl-Ghassa tal-Pulizija, l-imputata bdiet tirreagixxi aktar u jixhed: *"tirreagixxi, tghajjat maghna, toffendina, ma bdietx tikkalkulana"* (*a fol.* 25). Ikkonferma li gie rilaxxat c-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "C" (*a fol.* 9).

- PC 526 Sergio Spiteri jispjega li hekk kif waslu hdejn l-imputata u ppruvaw jaraw x'kien ezatt l-argument bejn l-imputata u John Cassar, f'hin minnhom l-imputata ntefghet mal-art u ppruvat thebb ghal WPC 210 u jghid li ra lill-imputata tolqot lil WPC 210 f'saqajha. Jixhed: *"kif WPC 210 ippruvat taghtiha idejha biex tqajjimha minn mal-art, hi qabdet saqajha, ghalqithom flimkien u fin-nofs kien hemm sieq WPC 210 u bdiet ixxejjer b'idejha, ppruvat twaqqaghha"* (*a fol.* 31).

- PS 1137 Kevin Vella spjega li bdew izommu lill-imputata hekk kif waslu hdejha u x'hin bdew jippruvaw jikkalmawha, ma bdew jipperswaduha b'xejn tant li kellhom idahluha b'arrest gewwa l-Ghassa tal-Pulizija. Jispjega li sakemm l-imputata kienet qed tigi arrestata, hija ntefghet mal-art u bdiet ixxejjer bis-sieq tant li wegghet lil WPC 210 u lil PC 831. Jghid li x'hin kienu l-Ghassa, l-imputata bdiet tghajjar lil WPC 210 bil-kliem, fejn jghid li bdiet tghidilha: *"kerha, mahmuga, lizbjana, nsibek"* (*a fol.* 59).

- WPC 123 Janet Cicala tixhed li minkejja li ppruvaw jikkalmaw lill-imputata, kien kollu ghal xejn. Tispjega li waqt li kienu qeghdin jippruvaw jghinu lill-imputata, lil WPC 210 bdiet ixxejrielha bis-sieq u bdiet toffendieha u bdiet tghidilha li kienet kerha u li kienet lizbjana.

Illi l-Qorti tirrikonoxxi li:

- John Cassar xehed li l-Pulizija ghamlu s-salt mal-imputata biex haduha l-Ghassa u fl-istess hin irrikonoxxa li l-imputata bdiet tirrabja mal-Pulizija u kif ukoll mieghu.

- Ryan Agius spjega li ra grupp ta' Pulizija jigbdu lill-imputata u li hu qal lil wiehed mill-Pulizija biex ma jmissuhiex.

- Da parte taghha, l-imputata Jennifer Chetcuti tirrikonoxxi li ghal kliem li John Cassar qal lil Ryan Agius, hija rribellat u li bdiet targumenta ma' John Cassar. Tikkonferma li nholoq argument u kien hemm l-ghajjat u li l-Pulizija mara bdiet tghajjat ma' wiccha.

Illi filwaqt li huwa minnu, kif tissottometti d-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 121 *et seq.*), li mill-filmat li gie pprezentat mill-Prosekuzzjoni u li jifforma parti mill-atti processwali (Dok. "JM" – *a fol.* 52) l-imputata ma tidhirx qeghda tolqot lil hadd, il-Qorti tinnota li l-filmat setgha, f'kaz ta' dubju, kien ikun ta' ghajnuna ghaliha sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha, pero' fic-cirkostanzi l-Qorti ma kellha bzonn l-ebda filmat biex tasal ghall-konkluzjoni ta' dak li verament gara dakinhar tat-2 ta' Dicembru 2014. Il-Qorti tibbaza l-gudizzju taghha fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali fl-assiem taghhom u minkejja dak li nghad mill-imputata fid-depozizzjoni taghha, minn ezami akkurat ta' dak li nghad fir-rigward ta' x'inhuma l-elementi li jsawru r-reati taht Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mehud in konsiderazzjoni dak li jirrizulta fl-atti processwali u dak li gie kkunsidrat hawn fuq, il-Qorti ma ghandu jibqalghha l-ebda dubju li d-depozizzjonijiet tal-Ufficjali tal-Pulizija ghandhom jitwemmnu. Ghaldaqstant, isegwi li l-Qorti jirrizultalha li l-elementi li jsawru z-zewg reati msemmija f'Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfacentement pruvati.

Illi jirrizulta bl-aktar mod car li l-imputata kisret Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk l-imputata ser tinstab hatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi skond l-Avukat Generali, l-imputata ghandha tinstab hatja ta' Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid hekk: *"bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor"*. Minkejja li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata kif redatta fic-*charge sheet* ma tinkludiex il-kliem *"bil-lejl"*, pero' l-Qorti hija marbuta mal-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju. Jirrizulta li l-incident *de quo* ma sehhx bil-lejl u b'hekk isegwi li ma tista' qatt tinstab htija fl-imputata tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputata qed tigi akkuzata li volontarjament kisret l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied u kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Illi l-Qorti tinnota li l-Ufficjali tal-Pulizija WPC 210 Tania Mangion, PC 831 Jonathan Bordieri, PC 526 Sergio Spiteri, PS 1137 Kevin Vella u WPC 123 Janet Cicala lkoll xehdu li kienu fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla fejn instema' storbju gej minn barra li wara rrizulta li kien gej mill-imputata li kellha argument ma' John Cassar. Apparti dan, il-Qorti semghet ukoll lill-Ufficjali tal-Pulizija jixhdu dwar l-ghajjat tal-imputata u l-atteggjament taghha meta marru vicin taghha.

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil** deciza fit-23 ta' Gunju 1994, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-eghmil. […D]an ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah *"a breach of the peace"*".

Illi ndubbjament fl-agir u l-atteggjament litigjuz tal-imputata, kien hemm dan l-element ta' minaccja ghas-sigurezza individwali u nholoq ukoll certu biza' u preokkupazzjoni f'terzi. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern. Ghaldaqstant l-imputata ser tinsab hatja tar-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha u ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti ta' din l-imputazzjoni fejn taghmel riferenza ghal *"dagha u kliem fahxi" stante* li, fin-Nota ta' Rinviju Ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali ma ndikax l-Artikolu tal-Ligi rilevanti, u dana apparti l-fatt li ma jirrizultax li nghad dagha jew kliem fahxi da parte tal-imputata.

**<u>Il-Hames (5) u s-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi taht dawn iz-zewg imputazzjonijiet l-imputata qed tigi akkuzata li kkagunati feriti ta' natura hafifa fil-konfront ta' PC 831 Jonathan Bordieri u WPC 210 Tania Mangion.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tibda billi taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta'

> tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi l-Qorti tinnota li apparti l-konsiderazzjonijiet li saru aktar il-fuq f'din is-sentenza fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata, fejn, fost l-ohrajn, WPC 210 Tania Mangion u PC 831 Jonathan Bordieri spjegaw li gew milquta mid-daqqiet moghtija mill-imputata tant li kkonfermaw li gew rilaxxati c-certifikati medici ezebiti u mmarkati bhala Dok. "B" u Dok. "C" (*a fol.* 8 u 9), il-Qorti tinnota wkoll li l-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni moghtija minn Dr. Rose Marie Spiteri li kkonfermat li rrilaxxat iz-zewg certifikati msemmija fil-konfront taz-zewg ufficjali tal-Pulizija in kwistjoni. Hija kkonstatat li z-zewg ufficjali tal-Pulizija msemmija sofrew griehi ta'

natura hafifa hlief ghall-kumplikazzjonijiet u dana skond kif jirrizulta miz-zewg certifikati rilaxxati minnha.

Ghaldaqstant, isegwi li l-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4) (hlief ghal dik il-parti fejn issir riferenza ghal *"dagha u kliem fahxi"*), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet. Ghaldaqstant, l-imputata ser tinstab hatja taghhom.

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata. Fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti tinnota li, filwaqt li ser tiehu in konsiderazzjoni dak li nghad minn Dr. Rachel Taylor-East u kif ukoll il-fatt li l-imputata kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni, il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti: n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata u li gew pruvati u kif ukoll il-fedina penali (Dok. "A" – *a fol.* 7) taghha.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputata. Minflok, il-Qorti hija tal-fehma li apparti li tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' multa, fic-cirkostanzi tkun aktar opportuna piena ta' prigunerija sospiza fil-konfront taghha bil-ghan li l-imputata tifhem li dak li hija ghamlet dakinhar tat-2 ta' Dicembru 2014 fil-konfront tal-ufficjali tal-Pulizija kien hazin hafna u taghraf ma tergghax tirrepetieh.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li:

- tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti tar-raba' (4) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal *"dagha u kliem fahxi"*;

- ma ssibx lill-imputata hatja tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha u b'hekk tilliberaha mill-imsemmija imputazzjoni, u

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 16 ta' Gunju 2015 u senjatament Artikoli 95, 96(a), 214, 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Jennifer Chetcuti hatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2), ta' dik il-parti tar-raba' (4) imputazzjoni fejn issir riferenza biss *"ghal ksur tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied"*, tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, u tikkundannaha ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef Euro (€4000) u ghall-perijodu ta' disa' (9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hatja Jennifer Chetcuti sabiex fi zmien sena millum thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' mitejn u tletin Euro u disgha u tmenin centezmu (€230.89).[4]

Finalment, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hatja Jennifer Chetcuti b'garanzija personali ta'

[4] Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 36 *tergo*) (€79.71); Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 54 *tergo*) (€151.18).

elf Euro (€1000.00) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' PC 831 Jonathan Bordieri u WPC 210 Tania Mangion .

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**